

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-11 ta' Settembru 2014 – Galileo International Technology vs UASI –
ESA u Il-Kummissjoni (GALILEO)**

(Kawża T-450/11)⁽¹⁾

[“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark
Komunitarja figurattiva GALILEO — Trade marks Komunitarji verbali preċedenti GALILEO — Raġuni
relattiva għal rifjut — Assenza ta’ probabbiltà ta’ konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE)
Nru 207/2009 — Assenza ta’ xebħ bejn il-prodotti u servizzi inkwistjoni”]

(2014/C 380/09)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Galileo International Technology LLC (Bridgetown, il-Barbados) (rappreżentanti: S. Malynicz, barrister, M. Blair u K. Gilbert, solicitors)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: P. Geroulakos, aġġent)

Partijiet oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Samnada u F. Wilman, aġġenti); u l-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA) (Pariġi, Franza) (rappreżentant: M. Buydens, avukat)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tal-14 ta' April 2011 (Każ R 1423/2005-1), dwar proċedimenti ta’ oppożizzjoni bejn Galileo International Technology LLC u l-Unjoni Ewropea.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Galileo International Technology LLC għandha thati, minbarra l-ispejjeż tagħha stess, dawk esposti mill-UASI.
- 3) Il-Kummissjoni Ewropea u l-Aġenzija Spazjali Ewropea għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom stess.

⁽¹⁾ ĠU C 298, 08.10.2011

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-11 ta' Settembru 2014 – Aroa Bodegas vs UASI – Bodegas Muga (aroa)

(Kawża T-536/12)⁽¹⁾

(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark
Komunitarja figurattiva aroa — Trade mark nazzjonali figurattiva preċedenti Aro — Raġuni relattiva
għal rifjut — Probabbiltà ta’ konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 —
Rifjut parżjali ta’ reġistrazzjoni”)

(2014/C 380/10)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Aroa Bodegas, SL (Zurukoain, Spanja) (rappreżentant: S. Alonso Maruri, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: V. Melgar, aġġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Bodegas Muga, SL (Haro, Spanja) (rappreżentant: L. Broschat García, avukat)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tal-11 ta' Ottubru 2012 (Każ R 1845/2010-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Bodegas Muga, SL u Aroa Bodegas, SL.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Aroa Bodegas, SL għandha tħati l-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti mill-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI).
- 3) Bodegas Muga, SL għandha tħati l-ispejjeż tagħha.

⁽¹⁾ ĠU C 38, 09.02.2013.

Digriet tal-Qorti Ġeneral tal-11 ta' Settembru 2014 – El Corte Inglés vs UASI – Baumarkt Praktiker Deutschland (PRO OUTDOOR)

(Kawża T-127/13) ⁽¹⁾

[“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali PRO OUTDOOR — Trade mark Komunitarja figurattiva preċedenti OUTDOOR garden barbecue camping — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Suġġett tat-tilwima quddiem il-Bord tal-Appell — Artikoli 60 u 64(1) tar-Regolament Nru 207/2009”]

(2014/C 380/11)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: El Corte Inglés, SA (Madrid, Spajna) (rappreżentanti: E. Seijo Veiguela u J. L. Rivas Zurdo, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: J. Crespo Carrillo, aġġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI: Baumarkt Praktiker Deutschland GmbH (Hamburg, il-Ġermanja)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, tal-11 ta' Diċembru 2012 (Każ R 1900/2011-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Baumarkt Praktiker Deutschland GmbH u El Corte Inglés, SA.

Dispożittiv

- 1) Id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI), tal-11 ta' Diċembru 2012 (Każ R 1900/2011-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Baumarkt Praktiker Deutschland GmbH u El Corte Inglés, SA, hija annullata billi l-Bord tal-Appell naqas milli jiddeċċiedi dwar it-talbiet ta' El Corte Inglés, SA dwar il-probabbiltà ta' konfużjoni bejn it-trade marks kunfliġġenti għall-prodotti inkwistjoni minbarra t-“tagħmir għall-ipproċessar tad-data u l-kompjuters”, li jinsabu fil-klassi 9.
- 2) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.
- 3) L-UASI u El Corte Inglés, SA huma kkundannati jbatu l-ispejjeż tagħhom stess.

⁽¹⁾ ĠU C 129, 04.05.2013.